MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DOREEN CLARKE

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2008

Numru. 240/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Therese Sciberras)**

**vs**

**John Maria Borg**

Kumpilazzjoni numru 240/2008

Illum, 7 ta’ Lulju, 2008,

Il-Qorti,

Rat l- akkuza kontra l- imsemmi John Maria Borg, ta’ 69 sena mwieled fis- 17 ta’ Jannar, 1939 fil- Mellieha, iben Christino u Victoria nee` Bartolo u residenti f’ ‘Notre Ville’, Triq Sammy Bartolo, Mellieha, detentur tal- karta ta’ l- identita bin- numru 79939M.

Akkuzat talli f’ dawn il- gzejjer,m nhar l- 14 ta’ Jannar, 2007, fil- Mellieha, volontajament haqar annimali domestici (qtates) billi sawwathom bi xkupa u/jew tfiegh ta’ gebel u b’ hekk kien kawza ta’ wgieh u/jew mohqrija.

Rat l-artikolu 8 tal-Kap 439 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni lid an il-kaz jigi hekk trattat.

Semghat ix-xhieda

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik ta’ mohqrija lil annimali domestici u b’mod partikolari qtates li jkun hemm fil-vicinanzi tad-dar tar-residenza tieghu.

Illi l-imputat jinnega dan u jsostni li huwa kien qieghed biss igerrex il-qtates.

Illi minn ezami ta’l-atti ma jirrizultax li xi hadd mix-xhiedha prodotti ra lill-imputat qed isawwat lill-qtates jew b’xi mod iehor jahqarhom. Huma jirrakkontaw li raw lill-imputat b’gebel jew lasti ta’l-injam jew hadid f’idejh u li f’l-istess hin raw xi qtates jigru ‘l hemm; kien hemm minn ra lill-imputat jghati daqqiet bil-lasta mal-parti ta’ taht tal-karrozza tieghu. Pero hadd minnhom ma ra lill-imputat b’xi mod jolqot il-qtates. Lanqas ma jirrizulta li xi hadd mix-xhieda ra xi qtates midrubin jew mejta immedjament, jew ftit wara, li raw lill-imputat bil-gebel jew lasti f’idejh.

Illi fil-fatt mill-atti ma jirrizultax ‘l hemm minn kull dubbju ragonevoli li l-imputat kien qed jahqar lill-qtates kif qed jigi allegat f’l-imputazzjoni. Ghalhekk ma jidhirx li l-imputazzjoni addebietata lill-imputat giet pruvata sal grad rikjest mill-Ligi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati ta’l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tilliberah minnha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------